## FIDI: KLIEM U EGĦMIL

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak**
**Sir 27, 4-7**

Meta ddawwar il-għarbiel, jibqa' n-naqal;
hekk joħroġ in-nuqqas ta' bniedem fi kliemu.
Ix-xogħol tal-fuħħar jiġġarrab bin-nar;
il-prova ta' bniedem qiegħda fit-tħassib tiegħu.
il-frott ta' siġra, skond ma wieħed jaħdimha;
Hekk ukoll kliem il-bniedem, skond ma tkun qalbu.
Tfaħħarx bniedem qabel tisimgħu,
għax hawn hi l-prova tiegħu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 91**
**Tajjeb li nfaħħru 'l-Mulej**

Tajjeb li nfaħħru 'l-Mulej,
u ngħannu lil ismek, inti l-Għoli,
inxandru filgħodu t-tjieba tiegħek,
u l-fedelta' tiegħek fil-ljieli.

**R/. Tajjeb li nfaħħru 'l-Mulej**

Il-bniedem ġust bħal palma jħaddar,
bħal ċedru tal-Lebanon jikber,
imħawlin f'dar il-Mulej,
iħaddru fil-btieħi ta' Alla tagħna.

**R/. Tajjeb li nfaħħru 'l-Mulej**

Sa fi xjuħtihom il-frott jagħmlu,
mimlijin kollhom ħajja u ħdura,
biex ixandru li ġust hu l-Mulej:
Hu l-blata tiegħi, ebda qerq m'hemm fih.

**R/. Tajjeb li nfaħħru 'l-Mulej.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**
**1Kor 15, 54-58**

Ħuti: Meta dak li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, meta dak li jmut jilbes l-immortalita', imbagħad iseħħ dak li hemm miktub, "Inbelgħet il-mewt fir-rebħa. Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja Mewt, in-niggieża tiegħek?'' In-niggieża tal-

mewt hi d-dnub, il-qawwa tad-dnub hi l-liġi. Niżżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesu' Kristu. Għalhekk, ħuti għeżież, żommu sħiħ, titħarrkux, ħabirku dejjem fix-xogħol tal-Mulej. Kunu afu li l-ħidma tagħkom fil-Mulej mhijiex għalxejn.

**Il-Kelma tal-Mulkej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Iddu bħal kwiekeb fid-dinja,
u wasslu l-kelma tal-ħajja.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 6, 39-45**

F'dak iż-żmien: Ġesu' qal lid-dixxipli din il-parrabbola: "Jista' agħma jmexxi agħma ieħor? Mhux it-tnejn jaqgħu fil-ħofra? Min għadu jitgħallem mhuwiex aqwa mill-imgħallem tiegħu: min itemm it-taħriġ tiegħu daqs l-imgħallem tiegħu jsir.
Xi trid tħares lejn it-tibna f'għajn ħuk, int li ma tarax it-travu li int stess għandek f'għajnek? Kif tista' tgħid li ħuk, 'Ħi, ħa nneħħilek it-tibna minn għajnek,' meta mintix tara t-travu li int stess għandek f'għajnek? Ja wiċċ b'ieħor, neħħi l-ewwel it-travu minn għajnek, ħalli mbagħad tara sew kif tneħħi t-tibna minn għajn ħuk.
M'hemmx siġra tajba li tagħmel frott ħażin, kif anqas m'hemm siġra ħażina li tagħmel frott tajjeb. Kull siġra tingħaraf mill-istess frott tagħha. Ħadd ma jiġbor tin mix-xewk, anqas għeneb mill-għolliq.
Il-bniedem tajjeb joħroġ dak li hu tajjeb mit-teżor tajjeb ta' qalbu; u l-bniedem ħażin joħroġ dak li hu ħażin minn teżor ħażin; għax minn fomm il-bniedem joħroġ dak li jfur mill-qalb.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**